# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-3 ta' Ġunju 2013**

**li tawtorizza li laboratorju fl-Ukraina iwettaq testijiet seroloġiċi biex jissorvelja l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija**

*(notifikata bid-dokument C(2013) 3193)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/261/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li taħtar istituzzjoni speċifika sabiex tkun responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji neċessarji għall-istandardizzazzjoni ta' testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2000/258/KE taħtar lill-*Agence française de sécurité sanitaire des aliments* (AFSSA), f'Nancy, fi Franza (integrata mill-1 ta' Lulju 2010 fl-*Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail*, ANSES), bħala l-istitut speċifiku responsabbli biex jistabbilixxi l-kriterji meħtieġa għall-istandardizzazzjoni tat-testijiet seroloġiċi sabiex tkun segwita l-effettività tal-vaċċini kontra l-idrofobija.

(2) Dik id-Deċiżjoni tistipula wkoll li l-ANSES għandha tiddokumenta l-evalwazzjoni tal-laboratorji f'pajjiżi terzi li jkunu applikaw biex jagħmlu testijiet seroloġiċi biex jissorveljaw l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija.

(3) Wara r-rapport ta' stima mhux favorevoli stabbilit mill-ANSES, bid-data tat-3 ta' Settembru 2012, l-awtorizzazzjoni mogħtija lil dak il-laboratorju fit-30 ta' Jannar 2006 skont id-deċiżjoni 2000/258/KE lil-Laboratorju Ċentrali tal-Istat għall-Mediċina Veterinarja fi Kiev ġiet irtirata skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/436/UE tad-9 ta' Awwissu 2010 li timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE fir-rigward tat-testijiet ta' profiċjenza għall-finijiet taż-żamma tal-awtorizzazzjonijiet tal-laboratorji biex iwettqu testijiet seroloġiċi biex jimmonitorizzaw l-effettività tal-vaċċini tal-idrofobija [2].

(4) L-awtorità kompetenti tal-Ukraina ressqet applikazzjoni għall-approvazzjoni mill-ġdid tal-Laboratorju Ċentrali tal-Istat għall-Mediċina Veterinarja fi Kiev li hija appoġġjata minn rapport ta' stima favorevoli stabbilit għal dak il-laboratorju mill-ANSES, bid-data tas-6 ta' Marzu 2013.

(5) L-awtorità kompetenti tal-Ukraina, barra minn hekk, informat uffiċjalment lill-Kummissjoni li l-isem tal-laboratorju inbidel.

(6) Għaldaqstant, dak il-laboratorju għandu jkun awtorizzat li jwettaq testijiet seroloġiċi biex jissorvelja l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija fil-klieb, il-qtates u l-inmsa.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Skont l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2000/258/KE, il-laboratorju li ġej hu awtorizzat li jwettaq testijiet seroloġiċi biex jissorvelja l-effettività tal-vaċċini kontra l-idrofobija fil-klieb, fil-qtates u fl-inmsa:

State Research Institute of Laboratory Diagnostics and Veterinary Sanitary Expertise
30, Donetskaya st.,
Kiev 03151
L-Ukraina

[1] ĠU L 79, 30.3.2000, p. 40.

[2] ĠU L 209, 10.8.2010, p. 19.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-15 ta' Ġunju 2013.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kummissjoni*
Tonio BORG
*Membru tal-Kummissjoni*